



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-23 ta' Novembru 2017– SACE u Sace BT vs Il-Kummissjoni

(Kawża C-472/15 P)¹

“Appell – Għajnuna mill-Istat – Assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni – Kopertura ta' riassigurazzjoni mogħtija minn impriża pubblika lis-sussidjarja tagħha – Kontribuzzjonijiet kapitali aggregati biex ikopru t-telf tas-sussidjarja – Kunċett ta' għajnuna mill-Istat – Imputabbiltà lill-Istat – Kriterju ta' investitur privat”

1. *Għajnuna mogħtija mill-Istati - Kunċett - Għajnuna mogħtija minn impriża pubblika - Impriża kkontrollata mill-Istat - Imputabbiltà lill-Istat tal-miżura ta' għajnuna - Inklużjoni - Ġabra ta' indizji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni*

(Artikolu 107(1) TFUE)

(ara l-punti 29, 34 sa 37, 40 sa 42, 52, 53)

2. *Appell - Aggravji - Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti - Inammissibbiltà - Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjoni tal-fatti sottomessi lill-Qorti Ġenerali - Esklużjoni ħlief fil-każ ta' żnaturament*

(it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE; l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 168(1)(d))

(ara l-punti 56 sa 58, 91 sa 93, 111)

3. *Għajnuna mogħtija mill-Istati - Deċiżjoni tal-Kummissjoni - Evalwazzjoni tal-legalità skont informazzjoni disponibbli fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni*

(Artikolu 108 TFUE)

(ara l-punt 76)

4. *Għajnuna mogħtija mill-Istati - Kunċett - Evalwazzjoni skont il-kriterju ta' investitur privat - Evalwazzjoni fid-dawl tal-elementi rilevanti kollha tal-operazzjoni kontenzjuża u tal-kuntest tagħha - Obbligu tal-Istat Membru li jipprova elementi oġġettivi u verifikabbli li jiżvelaw in-natura ekonomika tal-attività tiegħu*

¹ ĠU C 381, 16.11.2015.

(Artikolu 107(1) TFUE)

(ara l-punt 107)

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Servizi assicurativi del commercio estero SpA (SACE), Sace BT SpA huma kkundannati jbatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom stess, dawk tal-Kummissjoni Ewropea relatati mal-proċedura tal-appell.
- 3) Ir-Repubblika Taljana għandha tbatu l-ispejjeż tagħha stess.